MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 25/2008/1

**Joseph Fava**

**v.**

**Rose Fava**

**Il-Qorti:**

Illi dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] fil-gurisdizzjoni superjuri taghha, Sezzjoni tal-Familja, fit-22 ta' Novembru 2011 li in forza taghha ddisponiet mir-rikors tal-appellant u mill-kontro-talba tal-appellata billi:

“1. tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, primarjament htija ta’ l-attur, u sekondarjament htija tal-konvenuta;

“2. tichad it-tieni talba fejn din m’hiex applikabbli;

“3. tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, tillikwidaha u tassenja l-mobbli fis-sens fuq stabbiliti u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Mobbli fid-dar matrimonjali’.

“Ghar-rigward ta’ investimenti u flejjes li l-partijiet ghandhom dawn ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet kif fuq deciz.

“Billi rrizulta li kienu jezisti diversi investimenti u kontijiet bankarji li sallum m’ghadhomx miftuhin, din il-qorti tordna lill-attur jhallas lill-konvenuta l-ammont ta’ mija sitta u sittin elf erba’mija u tmienja u disghin euro u disa’ centezmi (€166,498.09).

“Maghdud ma’ dan l-ammont l-attur ghandu wkoll ihallas lill-konvenuta l-ammont ta’ hmistax-il elf euro (€15,000) rapprezentanti sehemha mill-benefikati li saru fid-dar matrimonjali.

“4. tilqa’ l-hames talba attrici u ghalhekk tawtorizza lill-attur jaghmel l-atti tal-hajja civili minghajr kunsens, intervent jew awtorizzazzjoni ta’ martu;

“5. tiffissa d-data tal-lum bhala d-data tas-separazzjoni bejn il-kontendenti;

“6. tasjteni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba peress li m’hemmx necessita’ ghaliha.

“Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi:

“1. tichad l-ewwel talba u tippronunzja s-seprazzjoni personali kif fuq deciz;

“2. tilqa’ it-tieni t-talba limitatament u fis-sens kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’.

“3. Tichad it-tielet it-talba tal-konvenuta rikonvenjenti u dan fis-sens kif fuq stabilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Dar Matrimonjali’.

“4. tilqa’ r-raba’ talba fis-sens gia’ fuq deciz.

“5. tichad il-hames talba fejn din mhiex applikabbli.

“Spejjez inkwantu ghal zewg terzi ghandhom ikunu a karigu ta’ l-attur u terz ghandhom ikunu a karigu tal-konvenuta.”

U dan, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Il-Qorti,

“Illi din hija kawza ta’ separazzjoni personali.

“Rat illi fir-rikors guramentat tieghu, l-attur qieghed jitlob li tigi pronunzjata l-firda personali a bazi ta’ servigi, eccessi u ngurji gravi da parte tal-konvenuta u li dawn il-fatturi kkontribwew sabiex iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment. L-attur sostna li l-konvenuta tghix hajja totalment indipendenti u sseparata minnu u li hija kontinwament assenti mid-dar matrimonjali. L-attur qed jibbaza t-talbiet tieghu abbazi ta’ l-artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Illi permezz ta’ risposta guramentata l-konvenuta tattribwixxi l-istess kawzali kontra zewgha. Hija resqet kontro-talba li permezz taghha qed issostni li zewgha huwa hati fil-konfront taghha ta’ adulterju, sevizzi, eccessi, ngurji gravi, mohqrija psikologika u vjolenza domestika. Il-bazi tal-kontro-talba tal-konvenuta huwa l-artikolu 40 tal-Kap 16.

“L-attur rikonvenut cahad l-allegazzjonijiet avvanzati fil-konfront tieghu minn martu.

“Din il-qorti ntalbet ghalhekk li tippronunzja s-separazzjoni personali, ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti, u l-konvenuta qeghdha titlob li zewgha jigi ordnat ihallasha manteniment u li hija tibqa’ tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta’ zewgha. L-attur qieghed jitlob l-applikazzjoni ta’ l-artikoli 48 sa 51 fil-konfront tal-konvenuta u l-istess qeghdha titlob il-konvenuta fil-konfront ta’ l-attur.

“Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet. Dwar in-noti ta’ sottomissjonijiet li gew prezentati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ din il-qorti, il-qorti m’hix tal-fehma li tordna l-isfilz taghhom.

“Semghet ix-xhieda bil-gurament.

“<u>Separazzjoni Personali</u>

“Illi l-partijiet izzewgu fil-5 ta’ Novembru 1989. Minn dan iz-zwieg twieled tifel, illum maggiorenni.

“Illi l-versjoni tal-attur hija li martu ma kinitx lesta ghaz-zwieg u li ghalkemm illudietu li sejra ssiefer mieghu l-Amerka biex jibnu l-familja hemmhekk, fil-verita’ qatt ma kellha dik l-intenzjoni. Huwa jsostni li martu qatt ma stmatu, irrispettatu jew apprezzatu u li nonostante li pprova hafna, il-komunikazzjoni bejniethom qatt ma kienet tajba. Martu kienet bierda minnu u dan jikkuntrasta mal-karattru tieghu. L-ilment principali ta’ l-attur fil-konfront tal-konvenuta huwa li martu kienet tkun hafna assenti mid-dar peress li kienet tqatta’ kwazi l-gurnata kollha ghand il-genituri taghha. Infatti minn xi cirka sentejn/tliet snin ilu hija tmur torqod biss fid-dar matrimonjali u l-bqija toqghod ghand il-genituri taghha. Ighid li kienet dipendenti kompletament fuqhom u dan deher sa mill-bidu tal-hajja konjugali taghhom meta *“hija bdiet tmur kuljum id-dar tal-genituri taghha u toqghod hemm il-gurnata kollha”.* Huwa jsostni wkoll li d-decizjonijiet li kienu jirrigwardaw lill-koppja, kienu jittiehdu minn martu wara li tkun iddiskutiethom fid-dar tal-genituri taghha. Huwa kien

ihossu eskluz minn hajjitha u ma kienx isibha bhala spalla u bhala persuna li seta' jiftah qalbu maghha.

"L-attur jilmenta wkoll li kien hemm diversi drabi fejn martu ghajritu u dan anki bil-miktub, biss biss kienet tiffirma bhala 'Omm David' u li ma riditx komunikazzjoni mieghu. Ighid ukoll li l-konvenuta kemm-il darba gabet ruhha b'tali mod biex tipprovokah. Isemmi fost diversi episodji li gieli halliet id-dawl jixghel ghal ta' l-apposta.

"Illi l-konvenuta min-naha taghha tghid li *'iz-zwieg taghna qatt ma kien felici, u zewgi qatt ma ta attenzjoni minima lill-istess zwieg ta' bejnietna. Minn kemm ilna mizzewgin, zewgi Guzepp, dejjem kien minghajr emozzjoni fil-konfront tieghi, la karezzi u wisq anqas sentimenti.'* Tghid li huwa kien indifferenti lejha anke intimament u tiddubita jekk qattx kien attratt lejha. Tghid li ghalkemm l-attur isostni li huwa ried li z-zwieg jirnexxi, meta hija ssuggerietlu biex ifittxu ghajnuna professjonali zewgha ma kienx lest li jonfoq il-flus biex isalva z-zwieg.

"L-ilment principali tal-konvenuta huwa li zewgha ghandu karattru avarizzjuz. Dan il-fattur holoq problemi kbar fil-hajja mizzewga ghaliex hija kienet limitata finanzjarjament u kienet ikkontrollata minnu. Huwa kien jaghmel distinzjoni bejn dak li huwa parafernali tieghu. Tghid li qabel jorqod kien ighodd il-flus li jkollu fil-kartiera. Peress li huwa kien isiefer, kemm biex izomm certu drittijiet fl-Amerka, kif ukoll biex jahdem minbarra li kien ighodd il-flus, kien ighodd il-kalzetti, l-qomos u l-qliezet qabel ma jitlaq. Kien jigbor hafna mill-fajjenza ta' god-dar u jaqfilha fit-*trunks* jew fil-containers. Dan anki jekk it-tifel u hija kienu jibqghu jghixu fid-dar. Meta kien jasal lura mis-safar kien jerga' jghodd l-affarijiet kollha biex jivverifika kienx naqas xi haga, kif ukoll kien imur jiccekkja jekk kinitx nefqet flus depozitati fil-Bank. Kwindi hija ssostni li l-attur ma kienx jafdaha u din in-nuqqas ta' fiducja kontinwa jikkostitwixxi sevizzi.

"Illi hi tilmenta wkoll li zewgha kien johrog flus ghad-dar biss ossija ghall-ikel u hwejjeg ghad-dar. Kien jitlobha l-ircevuti u l-kontijiet kollha biex joqghod jiccekkja. L-attur

ma kienx jiddiskuti ma’ martu dak li kien se jaghmel hlief meta kien jitlobha xi firma izda ma kienx ighidilha ghalfejn. Hija qatt ma kienet taf is-sitwazzjoni finanzjarja taghhom. L-attur kien ta l-opinjoni li ladarba ma kinitx taghmel xoghol bi qliegh, hija ma kellha dritt ghall-ebda opinjoni. Huwa ma kienx jistma lil martu, ghamel xhur shah ma jkellimhiex tant li gieli rrikorriet ghall-kitba sabiex tikkomunika mieghu.

“Illi rrizulta mill-atti li l-attur fiz-zmien kien jahdem u joqghod l-Amerka. Il-partijiet iltaqghu meta l-attur gie lura b’vaganza, imbaghad baqghu f’kuntatt u sussegwentement il-konvenuta telghet l-Amerka u ghal xi sitt xhur ghexu flimkien. Ghaldaqstant suppost kellhom idea sewwa tal-karattru ta’ xulxin. Izzewgu u gew joqghodu f’Ghawdex. Ghall-bidu ghexu f’appartament ix-Xaghra li kien tal-konvenuta u dan sakemm tlestiet id-dar matrimonjali. Infatti l-attur minn qabel iz-zwieg kien xtara bicca art fis-Sannat u beda jibniha. Meta d-dar tlestiet marru jirrisjedu fiha.  Il-partijiet kellhom tifel.

“Il-genituri tal-konvenuta joqghodu wkoll is-Sannat. L-attur baqa’ ghal xi zmien imur l-Amerka jahdem. Jidher li kien hemm perjodu fejn anki l-konvenuta telghet hdejh flimkien mat-tifel izda rritornat Ghawdex.

“Illi l-qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment, u ghal dan jahtu primarjament l-attur, u sekondarjament il-konvenuta.

“Illi l-versjoni tal-konvenuta li l-attur kien marbut hafna mal-gid materjali u mal-flus u li kien ta’ sikwit ifakkarha li kien hemm oggetti li huma parafernali tieghu zgur li kienu kagun ta’ tbatija ghall-konvenuta u li m’ghenu xejn biex ir-relazzjoni ta’ bejniethom tkun tajba. Il-konvenuta tixhed li zewgha kien iqis kull infiq li kienet taghmel u biex tixtri certu affarijiet u sahansitra meta kellha bzonn ghal xi tabib kellha tirrikorri ghand il-genituri taghha. Certament li l-ebda zwieg ma jista’  jkun felici jekk kull parti tkun taf ghal taghha. L-ghaqal huwa wkoll fundamentali izda l-attur qatt m’allega li l-mara kienet halja, ghalhekk billi kien jaf li hija ma kinitx iddahhal flus peress li ma kinitx tahdem barra

mid-dar, bil-limitazzjonijiet finanzjarji kien izommha taht kontroll. Tali atteggament mhux accettabbli fis-socjeta' taghna ghaliex ix-xoghol tad-dar huwa wkoll xoghol li ghandu valur ekonomiku!

"Din il-qorti hija konvinta minn dan ghaliex indipendentement minn dak sottomess mill-konvenuta jirrizulta b'mod car mid-diversi *statements* bankarji ezebiti mill-partijiet li l-attur kien mhux biss kien attent ghal kif se jiehu hsieb il-finanzi li kienu depozitati fil-banek fl-esteru, izda anki meta kien beda l-inkwiet ghamel diversi manuvri biex lill-konvenuta jcahhadha minn sehemha. Saru hafna trasferimenti ta' flus minnu u sahansitra gbid ta' flus f'ammonti konsiderevoli (mhux kollha gustifikabbli) fiz-zmien li r-relazzjoni bejn il-partijiet ma kienux tajbin u dan *ad insaputa* ta' martu meta hafna kontijiet kienu intestati f'isem it-tnejn li huma. Mhux hekk biss, nonostante li l-attur kien jaf li kellhom flejjes u investimenti l-uniku ntrojtu ta' martu hu fuq is-servizzi socjali. Hija l-fehma tal-qorti li l-attur kien jaf li l-genituri ta' martu se jghinuha anki finanzjarjament u b'hekk strah fuqhom inkwantu ghal xi bzonnijiet ta' martu. Infatti l-konvenuta ma tichadx li fid-dar ghandhom diversi kumditajiet. Hi stess xehdet li ghad-dar zewgha kien jonfoq flus. Jirrizulta li meta t-tifel kellu sena u nofs hija kienet diga' telqet mid-dar ghaliex dan l-agir ta' l-attur kien mill-bidu nett. Jirrizulta wkoll li l-attur pprova jcahhad lil martu minn sehemha.
"Il-konvenuta hassitha li ma kinitx fdata minn zewgha u kienet kontrollata minnu zgur ghal dak li jirrigwarda finanzi. Huwa umiljanti ghal kull persuna li, minghajr ma jkun hemm raguni valida, tisfa kkontrollata ghal kull infiq li taghmel u li trid tittallab biex tixtri l-bzonnijiet taghha, xi drabi anki mill-familjari taghha. Veru li xtralha curkett ta' djamanti izda dan ma jhassarx l-agir tieghu.

"Dan il-komportament abbuziv da parti ta' l-attur ezercitat fuq bazi attwali u ripetut fil-maggior parti tal-konvivenza matrimonjali, irrenda insopportabbli ghall-attrici l-konvivenza. Dan il-komportament jikkostitwixxi sevizzi fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap 16 u fil-fehma tal-qorti jikkostitwixxi l-kawza principali tal-firda.

“Illi pero’ jirrizulta li anki l-konvenuta naqset fil-konfront ta’ zewgha. L-attur sostna li kienet tghaddi granet ghand il-genituri taghha. Jirrizulta li meta kienu joqoghdu x-Xaghra u harget tqila kienet tinzel bil-karozza ma’ zewgha ghand il-genituri taghha ghax kienet tiddejjaq wahedha. Meta bdew joqghodu fid-dar matrimonjali kien l-istess rahal li fih ighixu l-genituri tal-konvenuta. Mhux kontestat li l-konvenuta hija marbuta hafna mal-genituri taghha. Dan fih innifsu mhux xi haga negattiva jew hazina, anzi pjuttost il-kuntrarju. Biss pero’ meta persuna tizzewweg trid tifhem ukoll li ghalkemm ir-rispett u l-imhabba lejn il-genituri ta’ kull parti fiz-zwieg ghandu jkun prezenti pero’ trid toqghod ferm attenta li tinghata d-dovuta attenzjoni u importanza lis-sieheb jew lis-siehba li mieghu jew maghha ddecidew li jibnu familja.

“L-attur xehed li l-konvenuta kienet taf issajjar tajjeb, qatt m’allega li kienet traskurata fiz-zamma ta’ l-indafa tad-dar jew li ma kinitx tiehu hsieb lil binhom. Ghalkemm kellha l-ghajnuna d-dar pero’ din ma kinitx b’mod regolari. Kwindi jidher li l-konvenuta kienet tiehu hsieb id-dar u anki lil binhom w allura kienet twettaq id-doveri taghha ta’ mara tad-dar u ta’ omm tajba. Izda l-attakkament taghha mal-genituri taghha tant li kienet tmur kuljum ghandhom kienu jirritaw lill-attur u m’hemmx dubju li dan m’ghinx fir-relazzjoni ta’ bejniethom. Dan l-atteggjament taghha wkoll kien mill-bidunett w allura ma tistax twahhal fl-atteggjament ta’ zewgha li kien igeghlha ssib refugju ghand il-genituri taghha. Certament li hekk kif beda jghaddi z-zmien u r-relazzjoni bdiet tehzien bdiet issib refugju fihom u fix-xoghol volontarju li bdiet twettaq fil-parrocca primarjament.

“Il-partijiet qishom dahlu f’cirku vizzjuz. Li huwa zgur hu li kien hemm nuqqas ta’ kommunikazzjoni, kwazi assoluta tista’ tghid bejn il-partijiet. Kull parti bdiet tahseb ghal rasha – tant hu hekk li l-konvenuta waslet biex tbiegh l-appartament taghha fix-Xaghra, Ghawdex minn wara dahar zewgha. Tghid li ghamlet bhalma kien jaghmel huwa izda din ma kinitx soluzzjoni ghal min jistqarr li ried li z-zwieg isalva.

"Il-verita' hija li l-partijiet tbeghdu minn xulxin u ma ppruvawx ifittxu ghajnuna professjonali biex jippruvaw isalvaw iz-zwieg. Il-konvenuta twahhal f'zewgha li ma riedx jonfoq flus izda ma jidhirx li ppruvat bizzejjed. Id-differenzi ta' bejniethom setghu b'buona' volonta' u ghajnuna professjoanli jissewwew.

"Inoltre' jigi osservat li l-allegazzjoni kontenuta fir-risposta guramentata tal-konvenuta li l-attur huwa hati fil-konfront taghha ta' adulterju, in mankanza ta' sosteniment fil-provi, hija fiha nnifisha ngurjuza u tikkostitwixxi ngurja gravi fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap 16. Fix-xhieda taghha l-konvenuta *ex admissis* xehdet li zewgha ma kellux wicc haddiehor.

"Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet fil-fehma tal-qorti m'ghandux isib l-applikazzjoni tieghu l-artikolu 48 tal-Kap 16 fil-konfront ta' l-ebda parti.

"Proprjeta' Parafernali tar-Ragel

"M'hemmx kontestazzjoni li d-dar matrimonjali hija parafernali ta' l-attur.

"Ghalkemm ir-ragel isostni li l-konvenuta kellha raba' maghrufa 'Ta' Marziena' ma ngabitx prova dwar dan tant li mir-ricerki ma tirrizultax li tappartjeni lill-konvenuta.

"Komunjoni ta' l-Akkwisti

"1. Il-Benefikati li saru fid-dar matul iz-zwieg. M'hemmx qbil bejn il-partijiet f'liema stadju kien wasal il-bini tad-dar meta zzewgu. Fil-mori tqabbad il-Perit Edward Scerri, *ex parte* mill-konvenuta li stima l-benefikati fl-ammont ta' sitta u hamsin elf disa' mija u tnejn u tmenin euro u ghoxrin centezmu (€56,982.20) izda li sostna li ghandu jitnaqqas b'44%[1], b'hekk il-benefikati gew stmati fl-ammont ta' tlieta u tletin elf hames mija erbgha u tletin u tnejn euro u tnejn u sebghin centezmu (€33,534.72). L-

[1] Mid-dokumenti li l-Perit kellu fil-pussess tieghu ta' xogholijiet ta' kostruzzjoni ta' progetti ohra li saru dak iz-zmien jikkalkula li kien hemm qabza medja ta' 44% fil-prezzijiet tal-kostruzzjoni.

attur ma qabilx kompletament ma’ l-ammont izda ma riedx li jizdiedu l-ispejjez u ma talabx ghal nomina ta’ Perit tekniku izda halla f’idejn il-qorti biex tuza’ d-diskrezzjoni taghha. Fil-fehma ta’ din il-qorti l-ammont rapprezentanti l-valur tal-benefikati ghandu jkun ta’ tletin elf euro (€30,000). B’hekk il-konvenuta ghandha kreditu favur taghha fil-konfront tal-komunjoni ta’ hmistax-il elf euro (€15,000).

“2. Mobbli fid-dar matrimonjali

“Ghal dan il-ghan gie nominat is-sur Vincent Ciliberti. Fir-rapport prezentat minnu hemm indikat l-oggetti mobbli li bi qbil bejn il-partijiet se jigu assenjati hekk:

“Lill-attur qed jigu assenjati s-segwenti:

- Kamra tas-sodda b’zewg sodod u komodina komuni
- Mejda ta’ l-injam u zewg siggijiet
- Vetrina
- Sitt siggijiet
- Mejda ovali
- Mejda zghira b’mera mal-hajt
- Automatic washing machine
- De Longhi heater
- Vetrina baxxa bil-mera
- Mejda bil-wicc tal-hgieg, saqajn stainless steal u erba’ siggijiet
- Rocking chair bil-kanadindja
- Erba’ kwadri zghar fit-tarag
- Arlogg zghir modern f’bozza tal-hgieg
- gradenza
- Sufan bil-kanadindja
- Arlogg imdendel mal-hajt ta’ l-injam
- Xkaffa b’zewg kxaxen bil-mera
- Qolla
- Magna tal-hjata singer
- Gwardarobba ta’ l-injam b’zewg bibien u zewg kxaxen
- Zewg lampadarji
- Vetrina b’zewg bibien u zewg kxaxen

- Siggu tapezzat
- Siggu tapezzat
- Arlogg dekorattiv
- Mera tal-hajt
- Ajkla tal-metall bil-bazi ta’ l-injam
- Ajkla tal-metall bil-bazi ta’ l-injam
- Gas heater tal-marka argo
- Twaletta inkluza l-mera
- Kamra tas-sodda matrimonjali kompluta
- Gwardarobba b’zewg bibien u zewg kxaxen
- Tavolina
- Mera ta’ mal-hajt
- Komodina b’kexxun, bieba u wicc ta’ l-irham
- Mera ta’ mal-hajt
- Lampadarju ikhal bil-lampa

“Lill-konvenuta qed jigu assenjati s-segwenti:

- Twaletta
- Mejda kbira ta’ l-oak
- Armarju dekorat b’mottifi fjuriti
- Mera
- 2 gas heaters tal-marka argo
- Sodda tal-metall ornata
- Gradenza antika b’zewg kxaxen fuq u tlieta taht

“Ir-ritratti ta’ dawn l-oggetti gew kollha annessi mar-rapport ipprezentat mis-sur Ciliberti.

“Il-konvenuta ddikjarat li m’hix qed tistenna ebda kumpens ghall-mobbli li sejra tghaddi lill-attur.

“Illi l-partijiet qablu li l-pjanu ghandu jigi mizmum minn iben il-kontendenti, David.

“3. <u>Il-Vetturi:</u> jirrizulta li hemm zewg vetturi izda dwar dawn il-partijiet ftehmu li jinbieghu u r-rikavat jigi mghoddi lil binhom.

“4. <u>Investimenti u Flejjes</u>

"Jirrizulta mill-atti li kien hemm diversi investimenti u kontijiet bankarji fl-Amerka matul is-snin, uhud intestati f'isem l-attur wahdu u whud intestati f'isem it-tnejn u iehor li tieghu kien beneficjarju binhom.

"Jibda biex jinghad li l-flus jew investimenti ezistenti fil-kontijiet bankarji ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, kemm jekk huma ntestati fuq iz-zewg partijiet, kemm jekk fuq parti wahda biss.

"Izda din il-qorti ma tistax tieqaf hawn. Irrizulta mill-atti u mid-dokumenti prezentati[2] li l-attur partikolarment meta r-relazzjoni bejnu u bejn martu hzienet tant li hija ma baqghetx torqod aktar mieghu, ossija fis-sena 2006, ghamel diversi trasferimenti fil-kontijiet bankarji u anki gibed ammonti ta' flus. Zgur li f'dan iz-zmien sal-lum ma jistax isostni li martu kienet infurmata u kienet qed thalli f'idejh. Mid-dokumenti rrizulta s-segwenti:

"I. Il-kont Nru 6580006903 fil-Bank North Fork issa Capital One[3] inghalaq fid-29 ta' Marzu 2007. Dan kien *fixed deposit* u kien intestat f'isem Joseph Fava u l-ammont kien ta' €104,708.41[4] ($141,769.90).

"II. Fl-istess gurnata tad-29 ta' Marzu 2007, l-attur f'ismu fetah kont iehor fil-Capital One Bank, Kont Nru 6581007090 fl-istess ammont ta' €104,708.41 ($141,769.90)[5]. Fit-30 ta' Gunju 2007 dan il-kont kien b'bilanc zero. Fil-fatt inghalaq fil-bidu ta' Gunju u jirrizulta mid-dokumenti prezentati li saru diversi *withdrawals* minn dan il-kont f'medda ta' tliet xhur.

"Zewg withdrawals sostanzjali ta' €31,168.08 ($42,000) u €55,728.81 ($75,454) jirrizulta li saru sabiex jigu depozitati f'kont bankarju iehor u ghalhekk huma gustifikabbli. Ghar-rigward tal-gbid tal-kumplament tal-flus, l-attur ighid li

[2] statements
[3] Dok AA1 a fol 939
[4] L-istatements bankarji huma fil-munita tad-dollaru Amerikan. Din il-qorti ghalhekk ikkonvertiet dawn l-ammonti fil-munita lokali ossija l-euro. Ir-rata tal-konversjoni wzata f'din is-sentenza hija 0.7386 li hija r-rata tat-18 ta' Novembru 2011.
[5] Dok AA2 a fol 940

ntuzaw ghal spejjez, liema spejjez huwa ma jindikax. Ghalhekk hemm gbid ta' flus fl-ammont ta' €18,021.35 ($24,400) li ma giex sodisfacentement ippruvat mill-attur x'sar minnhom. Il-konvenuta ghandha ghalhekk dritt ghal rufuzjoni ta' nofs dan l-ammont cioe' €9,010.68 ($12,200).

"III. Kont iehor Numru 3583641158[6] infetah mas-Sovereign Bank fl-20 ta' Settembru 2007. Dan kien kont fiss ghal disa' xhur. Fih giet depozitata s-somma ta' €59,086.40 ($80,000). L-attur qal li dawn il-flus gibidhom mill-investiment li kellu fiz-zewg kontijiet imsemmija precedentement immarkati Dok AA1 u 2. Dan pero' ma jistax ikun ghax il-konteggi ma jaqblux – biss biss l-ammont ta' €55,728.81 ($75,454) gie depozitat fis-6 ta' Gunju 2007 fis-Sovereign Bank f'kont iehor Numru 57884572.

"Dan il-kont kien intestat f'isem Joseph Fava u iben il-partijiet kien il-beneficcjarju. Il-kont inghalaq fit-28 ta' Dicembru 2007. Wara tliet xhur l-attur ghalaq il-kont u gibed il-flus fl-ammont ta' €59,314.38 ($80,308.67).

"IV. Bl-istess ammont ta' flus li gibed mill-Kont Numru 3583641158, fetah kont *liquid* fis-Sovereign Bank, liema kont intestat f'ismu biss igib in-Numru 3573150699[7]. L-attur ikkonferma fix-xhieda tieghu li sas-6 ta' Mejju 2008 dawn il-flus kienu ttiehdu kollha[8]. $60,000 (ekwivalenti llum ghal €44,314.80) minn dan il-kont partathom ma' huh ghal €40,000. Dawn il-flus intuzaw ghall-spejjez li saru ghand dentisti kemm ghalih u kemm ghal martu. L-ispejjez tieghu gew fil-fatt ippruvati.

"V. Fis-16 ta' Mejju 2005 l-attur fetah kont mas-City Bank, Kont Nru 57884791 intestat f'isem it-tnejn. Dan il-kont inghalaq fid-19 ta' Settembru 2007 bl-ammont ta' €42,370.46 ($57,367.46)[9]. Fix-xhieda tieghu l-attur jahseb li dawn il-flus poggihom fis-Sovereign Bank. Din il-versjoni hija kredibbli ghaliex in verita' l-kont fis-Sovererign Bank

[6] Dok AA3 a fol 942
[7] Dok AA4 a fol 943
[8] Fol 936
[9] Dok AA 5 a fol 946

infetah fl-20 ta' Settembru 2007 bl-ammont ta' € 59,086.40 ($80,000).

"Sat-30 ta' Gunju 2007 jirrizulta li l-ammont fil-kont kien ta' €118,833.73 ($160,894.87)[10]. Jirrizulta minn Dok CB45 li f'Lulju 2007 kien hemm diversi caqliq – gbid ta' €37,741.44 ($51,100) u depozitu ta' €8234.43 ($11,149) – differenza ta' €29,507.01 ($39,951). F'Dok CB49[11] jirrizulta li f'Awwissu 2007 kien hemm depozitu ta' €11,383 ($15,412) u gbid ta' €66,472.20 ($90,000). Mhux spjegat fejn marru l-flus $74,588. Globalment hemm l-ammont ta' €84,596.21 ($114,539).

"Il-qorti ghandha a disposizzjoni statement bankarju sat-30 ta' Settembru 2007 li sa dakinhar il-kont kellu €34,238.32 ($46,356.96). Ma jirrizultax jekk dan il-kont ghadux miftuh.

"Ghalhekk il-konvenuta ghandha dritt ghal nofs il-bilanc li kien hemm fit-3 ta' Settembru 2007 maghdud ma' nofs l-ammont ta' flus li ma giex gustifikat - €59,417.28 ($80,448).

"VI. Fl-10 ta' Ottubru 2006 Joseph Fava fetah kont iehor mas-Citibank, <u>Kont Numru 9970208890</u>, liema kont inghalaq fid-9 ta' April 2007 bl-ammont ta' €45,526.14 ($61,640.09)[12]. L-attur xehed[13] li dawn il-flus marru fil-Kont Numru 57884791 li nghalaq f'Settembru. In effetti statements dettaljati ta' dan il-kont ma ngabux mill-ebda parti. Il-Qorti ma tistax tara jekk kienx hemm xi gbid ta' flus minn dan il-kont li mhux gustifikabbli. Ghalhekk se toqghod fuq l-ammont li jirrizulta li ngibed li minnu l-konvenuta ghandha dritt ghal nofs ossija €22,763.04 ($30,820).

"VII. Kont iehor mal-Emigrant Bank[14] intestat f'isem l-attur beneficjarju David Fava, <u>Kont Numru 38-</u>

[10] Dok CB41 a tergo fol 1053
[11] Fol 1058
[12] Dok AA5 a fol 946
[13] A fol 936
[14] Dok AA6 a fol 947

5018197-9 li nfetah fis-6 ta' Novembru 2006 bl-ammont ta' €982.36 ($1,330.06) u gie likwidat fl-20 ta' Gunju 2007 fl-ammont ta' €1013.99 ($1,372.89). L-attur fix-xhieda tieghu[15] jghid li l-flus ta' dan il-kont tahom lit-tifel u zied €1477.16 ($2,000) maghhom. Il-konvenuta ma rribattitx tali asserzjoni u ghalhekk ladarba l-flus intuzaw ghat-tifel, l-attur m'ghandu jaghti xejn lill-konvenuta.

"VIII. Kont iehor mas-Sovereign Bank, Kont Numru 3583641109[16] li nfetah fl-1 ta' Gunju 2007 fl-ammmont ta' €73,858 ($100,000) u nghalaq fil-11 ta' Settembru 2007 bl-ammont ta' €74,204.85 ($100,469.61). Dan il-kont intestat f'isem l-attur, izda l-attur u huh xehdu li dawn il-flus kienu ta' huh u Joseph Fava kien qed jagixxi biss ta' *prestanome.*

"IX. Fl-istess gurnata infetah Kont Numru 9215235516[17] fil-Washington Mutual intestat f'isem l-attur izda huwa jghid li l-flus kienu ta' huh. Dan il-kont infetah bl-ammont ta' €73,858 ($100,000) u nghalaq fil-31 ta' Marzu 2008. Dakinhar lil huh tahomlu. L-interessi kienu ta' €936.39 ($1267.83).

"X. Kont iehor mas-Sovereign Bank, Kont Numru 3583640846 ghas-somma ta' bhala allegat *prestanome* ta' huh[18] fl-ammont €73,857.26 ($99,999) u nfetah fit-30 ta' Marzu 2007 u nghalaq fil-15 ta' Awwissu 2007 fl-ammont ta' €74,494.03 ($100,861.15).

"L-attur xehed[19] li l-flus minn dan il-kont iddepozithom fl-istess gurnata f'kont numru 9215235045 fil-Washington Mutual Bank, izda mill-istatement prezentat[20] jirrizulta li d-depozitu originali kien ta' €1472.85 ($1,994.17). Il-bqija ma gewx prezentati statements ohra. Il-kont inghalaq fis-26 ta' Frar 2008 u tahom lil huh. Jirrizulta li l-interessi kien €1326.58 ($1796.13).

[15] Fol 937
[16] Dok AA7 a fol 949
[17] Dok AA8 a fol 951
[18] Dok AA10 a fol 955
[19] A fol 937
[20] Dok AA9 a fol 953

"Illi ghar-rigward ta' l-affermazzjoni li dawn il-flejjes kienu ta' huh Francis m'hiex kredibbli. Ma jistax ikun li martu kienet taf li dawn il-flus kienu ta' huh peress li fis-sena 2007 l-inkwiet bejnu u bejn martu kien ilu li beda u bil-kemm kienu jitkellmu. Huwa ferm inverosimili ghaliex l-attur jaf sew xi jfisser parafernali u komunjoni ta' l-akkwisti[21] u issa jrid lil din il-qorti temmen li tant kien ingenwu li ma kienx jaf li dak li jsir fiz-zwieg jappartjeni lill-koppja. Issemma ftehim bil-miktub mill-attur u huh izda hadd minnhom ma kien kapaci jipproducih. Il-qorti tistaqsi wkoll: possibbli ghaddew somom ta' flus konsiderevoli bejn l-ahwa u lanqas ricevuta li huh ircieva l-flus ma saret?

"Sadanittant il-kontijiet *de quo* kienu intestat f'isem l-attur. Ir-raguni moghtija mill-attur li huh kien qed jaghmillu xi pjacir ai fini li jircievi pensjoni ahjar fl-Amerka mhiex kredibbli u dan kif sottomess ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta. Jezistu diversi diskrepanzi fix-xhieda moghtija mill-attur dwar dawn il-kontijiet u dan ikompli jsahhah il-fehma tal-qorti li l-uniku mottiv kien li l-konvenuta ma tiehux sehemha.

"Ghaldaqstant huwa gust li l-konvenuta ghandha tircievi nofs dawn l-ammonti li ssemmew ossia €75,307.1 ($101,962)[22].

"XI Kont mal-JP Morgan Chase : jirrizulta li mill-formoli sottomessi mill-attur lill-awtoritajiet Amerikani[23] li fil-formola ghas-sena 2008 huwa rcieva bhala interessi minn dan il-Bank l-ammont ta' €1272.57 ($1,723) – kopja ta' dan l-istatement bankarju m'humiex a disposizzjoni tal-qorti. L-attur xehed li huwa qatt m'ghamel negozju ma' dan il-Bank imma jidher li kien hemm *merger* mal-Washington Mutual izda prova ta' dan ma ngabitx. Fil-fehma ta' din il-qorti, il-konvenuta ghandha dritt ghal nofs l-interessi percepiti cjoe' €635.92 ($861).

---

[21] Ghax dejjem enfasizza d-differenza

[22] $50,000 + $50,430 +$898 + $634 – dawn l-ahhar zewg ammonti huma l-interessi fuq iz-zewg kontijiet

[23] Fol 920

"XII. Kont Numru 57884572 miftuh mas-Citibank[24] intestat f'isem il-konjugi Fava li l-attur naqas isemmi fix-xhieda tieghu. Jirrizulta f'Gunju 2005 il-kont kien miftuh[25]. Kien hemm diversi investimenti fis-sena 2005. F'dan iz-zmien il-partijiet kienu ghadhom flimkien.

"Kien hemm kont numru 9970208890 *fixed deposit* bl-ammont ta' €44,314.80 ($60,000) li kien jimmatura fid-9 ta' April 2007.

"Ma jirrizultax x'sar mill-ammont li mmatura izda jista' jkun li parti minnu gie depozitat fil-Kont Numru 57884572 ghaliex l-ammont fil-kont zdied konsiderevolment u l-perjodu jikkombaca.

"Dwar kontijiet ohra li l-konvenuta ssostni li kienu jezistu, fin-nuqqas ta' provi in atti ma jistghux jigu kkunsidrati.

"Irrizulta ghalhekk li l-attur ghandu jaghti lill-konvenuta bhala sehemha mill-investimenti l-ammont ta' €166,498.09 ($225,430). Ma' dan l-ammont iridu jizdiedu wkoll il-benefikati €15,000. B'kollox il-konvenuta ghandha dritt ghal €181,498.09.

"5. Manteniment

"Il-konvenuta qeghda tippretendi manteniment minghand zewgha. Irrizulta li bhalissa hija qeghda tippercepixxi f'beneficcji socjali l-ammont ta' €5347 bhala assistenza socjali u zewg bonuses ta' €270 fis-sena.

"L-attur isostni li l-konvenuta tircievi kera tal-flat tax-Xlendi. Dan pero' gie ribattut minn missier il-konvenuta u mir-ricerki li l-konvenuta ma tipposjedi l-ebda flat ix-Xlendi u li gieli l-kera li huwa jircievi jqassamha bejn uliedu izda dan mhux ghax huwa obbligat li jaghmel hekk.

---

[24] Dok B a fol 962
[25] Dok CB3 a fol 1034

“L-attur isostni li huwa m’ghandux impjieg u li ma ngabitx prova li qieghed jircievi xi beneficcji socjali, ghalkemm jidher li f’xi zmien kien qieghed jippercepixxi xi beneficcji socjali.

“Ghalhekk fic-cirkostanzi din il-qorti ma tistax tikkwantifika xi ammont ghal manteniment. Biss l-attur qabad u ghadda c-cekk ta’ €16,323 li skont huwa kien jirrapprezenta sehem il-konvenuta mill-komunjoni ta’ l-akkwisti. Peress li rrizulta mill-provi li l-konvenuta kienet intitolata ghal ferm aktar minn dan l-ammont, fic-cirkostanzi tal-kaz, din il-qorti hija tal-fehma li dan l-ammont ta’ €16,233 ghandu jibqa’ f’idejn il-konvenuta bhala ammont a saldu tal-manteniment taghha. Jekk ic-cekk illum skada minhabba t-trapass taz-zmien il-qorti tordna lill-attur johrog cekk iehor fl-istess ammont lill-konvenuta jew kwalunkwe transazzjoni ohra bankarja li permezz taghha jhallas tali ammont.

“6. <u>Dar Matrimonjali</u>

“Illi l-konvenuta qeghdha tippretendi li tibqa’ tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta’ zewgha.

“Kif diga’ gie rilevat din id-dar hija proprjeta’ parafernali ta’ l-attur u li l-konvenuta se tiehu sehemha mill-benefikati.

“Jirrizulta li kemm ilhom bl-inkwiet bejniethom, il-konvenuta baqghet torqod fid-dar izda matul il-gurnata ma tkunx hemm. Irrizulta mid-diversi rapporti li saru fl-Ghassa tal-Pulizija tal-lokal li l-partijiet infexxew f’piki zejda fil-konfront ta’ xulxin.

“Il-qorti kienet ukoll issuggerit kif kellha ssir il-qasma ta’ din id-dar *pendente lite* izda l-konvenuta m’accettatx.

“Irrizulta li t-tifel tal-kontendenti m’ghadux ighix fid-dar mal-genituri tieghu.

“Il-qorti tifhem li biex id-dar tigi diviza fizikament bejn il-kontendenti dan jikkomporta spejjez li jistghu anki jkunu

konsiderevoli, apparti l-fatt ukoll li l-valur tal-fond ma jibqax lanqas l-istess.

“Il-qorti zzid tghid ukoll li m’ghandix dubju li l-konvenuta mhux se tkun daqshekk difficli ghaliha li ssib akkommodazzjoni alternattiva ghaliha biss.

“Il-qorti izda trid li torbot dan il-fatt li l-konvenuta trid tizgombra mid-dar matrimonjali mar-rifuzjoni li l-attur se jigi ordnat jaghmel a favur tal-konvenuta. Ghalhekk il-konvenuta ghandha tizgombra mid-dar matrimonjali fi zmien xahar li l-attur ikun hallas dak kollu li huwa dovut lilha bhala sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti.”

Rat ir-rikors tal-appellant li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

“…(1) tikkonferma s-sentenza moghtija fit-22 ta’ Novembru 2011, kif ikkoreguta fid-29 ta’ Novembru 2011 a tenur tal-Artikolu 825 tal-Kap. 12, mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja fl-ismijiet Joseph Fava vs Rose Fava (Cit. Nru. 25/2008JD) fejn din cahdet il-kontro-talba tal-konvenuta appellata biex tibqa’ tabita fid-dar matrimonjali u ordnatilha tizgombra minnha filwaqt li thassar il-bqija taghha, (2) tichad il-kontro-talbiet l-ohrajn kollha tal-konvenuta appellata, (3) tichad l-eccezzjonijiet fir-risposta guramentata taghha, (4) tilqa’ t-talbiet kollha tal-attur u rigward il-konsistenza tal-assi bankarji (5) tiddikjara li dan jikkonsisti kif fuq spjegat u mhux kif ikkomputat mill-ewwel Onorabbli Qorti u ghalhekk tiddikjara li ghas-saldu ta’ sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti l-appellant ghandu jaghti lill-attrici:

“(A) Is-somma ta’ €15,000 illi jirrapprezentaw il-benefikati tad-dar matrimonjali jekk mhux ser jittiehdu in konsiderazzjoni d-depoziti prestanome fuq imsemmijin; jew

“(B) Is-somma ta’ €68,548.13 jekk ser jittiehdu in konsiderazzjoni l-benefikati u d-depoziti prestanome fuq imsemmijin.”

“Bl-ispejjez taz-zewg istanzi a kariku tal-konvenuta appellata.”

Rat ir-risposta tal-intimata li in forza taghha, ghar-ragunijiet kontenuti fl-istess risposta talbet li din il-Qorti tichad l-appell interpost mill-attur u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha; u dan bl-ispejjez kollha kontra l-attur appellant;

Rat l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Il-Fatti

Illi l-attur, fiz-zmien li kien jahdem u jghix l-Amerika, iltaqa’ mal-konvenuta meta kien qieghed vaganza Ghawdex. Meta rritorna lura l-Amerika huma zammew kuntatt ma’ xulxin bir-rizultat li l-konvenuta telghet l-Amerika fejn il-partijiet ghexu flimkien ghal xi zmien. Eventwalment izzewwgu fil-5 ta’ Novembru 1989 u inizjalment marru joqghodu Ghawdex f’appartament ix-Xaghra proprjeta` tal-konvenuta. Fid-29 ta’ Awissu 1990 twieled it-tifel David.

Sadanittant tlestiet id-dar li l-attur bena fis-Sannat fl-istess rahal li fih joqghodu l-genituri tal-konvenuta.

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet ma kienitx wahda felici, tant li fis-sena 2001, il-konvenuta kienet fethet proceduri ghas-separazzjoni personali, izda eventwalment waqqfet dawn il-proceduri, u kompliet il-hajja konjugali, xejn felici, bejn il-partijiet.

Illi l-ilment principali tal-attur fil-konfront ta’ martu huwa li din, minkejja li kienet mizzewwga u kellha familja taghha, kienet baqghet marbuta wisq mal-familja d’origini taghha, b’mod li l-attur kien ihoss li ghal martu hu kien jigi wara niesha; kien ihossu “barrani niddependi minnha u l-familja

taghha"[26] "Kienet tirrifjuta li tikkomunika mieghi, tali mod li kont inhossni abbandunat u izolat."[27] Jilmenta wkoll li "Mieghi marti qatt ma fethet qalbha, u qatt ma ttrattatni tar-ragel taghha….. kienet iggib ruhha mieghi qisa qed taghmel xi dover ta' bilfors, u mhux gesti ta' mhabba u affezzjoni".[28] Jilmenta mill-fatt li martu kienet teskludih minn kull ma kienet taghmel, u d-decizjonijiet kienet tehodhom fid-dar tal-genituri taghha. Fl-ahhar sitt snin[29] kienet tirrifjuta r-relazzjonijiet intimi; u wkoll "f'dawn l-ahhar snin l-affarijiet bdew jaggravaw. Hija tghajjarni fost affarijiet ohra b'titoli bhal "Zibel", "Injorant" u "Pufta" u dan gieli fil-prezenza tat-tifel u l-girien taghna."[30] Huwa jichad li kien ihalli lil martu fil-bzonn, u jichad li, wara li kien jigi mis-safar, kien jitlobha rendikont tal-flus li kienet nefqet[31]; hija dejjem ghexet komda u "nsemmi biss biss il-fatt li pprovdejtilha ghal mill-anqas tmien safriet. Jien qatt ma ghidtilha biex tohrog tahdem."[32]

Min-naha taghha l-konvenuta tilmenta mill-fatt li l-attur kien bniedem pussessiv u dominanti fil-konfront taghha fis-sens li, fejn jidhlu l-infiq tal-flus, huwa kien jezigi rendikont shih minghandha, u kien jikkontrollaha b'mod li hi kienet thossha mhux fdata minnu. Tghid li "dejjem irekken il-flus li qala' matul iz-zwieg, u lil martu jipprova ma juriha xejn"[33]. Tilmenta mill-fatt li meta zzewwgu, "konna bqajna bis-sistema li tieghu baqa' tieghu"[34]. Tghid li kienet "difficli hafna li tghix ma' ragel li ma jridekx u ma jistmakx u ma jafdakx"[35]. "Il-karattru tieghu hu illi jew taqbel mieghu jew inkella ma tasalx. Il-karattru taghna ma jaqbilx"[36].

Tghid li, filwaqt li ghall-ikel ma kienx hemm problema fl-infieq, u kienu jieklu mill-aqwa, zewgha ma kienx jaghtiha flus ghall-bzonnijiet personali taghha, tant li ta' sikwit

[26] Vol.1 – Fol.38
[27] Vol.1 – Fol.38
[28] Vol.1 – Fol.39-40
[29] Vol.1 – Fol.41 - Affidavit: 27 Novembru 2008
[30] Vol.1 – Fol.41
[31] Vol.2 – Fol.349
[32] Vol.1 – Fol.43
[33] Vol.1 – Fol.85
[34] Vol.2 – Fol.363
[35] Vol.2 – Fol.365
[36] Vol.1- Fol.224

kienet tirrikorri ghal ghand il-genituri taghha ghal ghajnuna finanzjarja.

Dawn il-fatturi kienu sors ta' rizentiment u ta' inkwiet bejn il-koppja, partikolarment min-naha tal-konvenuta li kienet thoss li zewgha ma kellux emozzjonijiet fil-konfront taghha. B'hekk il-partijiet tbeghdu minn xulxin emozzjonalment, bir-rizultat li l-konvenuta kienet bdiet tqatta' hafna aktar hin ghand il-genituri taghha. Sfortunatament il-fatt li l-attur kien perijodikament isiefer u jaghmel zmien l-Amerika, biex izomm certu drittijiet hemmhekk, ma ghenx lill-partijiet fil-hajja matrimonjali.

Illi matul il-proceduri odjerni, ghalkemm il-konvenuta kienet tqatta' aktar hin ghand il-genituri taghha, hija xorta wahda kienet baqghet tmur id-dar matrimonjali, sakemm fl-ahhar kienet tmur biss biex torqod hemm. Il-konvivenza matul il-proceduri odjerni, u anke ftit qabel, gabet maghha, kif solitament jigri, hafna tensjoni bejn il-partijiet, b'tghajjir reciproku.

Illi minn dokument markat A[37] u li jgib id-data tal-15 Mejju 2009, jirrizulta li bejn il-5 ta' Settembru 2006 u l-15 ta' Mejju 2009, il-konvenuta hallset is-somma globali ta' €6,064.61 ghas-servizz ta' dentristrija moghti lilha. Gie prezentat kont iehor datat 3 ta' Gunju 2010 mahrug mill-istess dentist li juri servizz ta' dentistrija moghti lill-attur bejn is-17 ta' Ottubru 2007 u s-27 ta' Marzu 2008 markat dok. A15[38]. Fix-xhieda tieghu l-appellant kien spjega li sabiex saru l-pagamenti ta' dawn il-kontijiet, huwa kien gibed il-flus investiti fis-Sovereign Bank.

Illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti kkonkludiet li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, u li ghal dan jahti primarjament l-attur, u sekondarjament il-konvenuta.

## <u>Aggravji</u>

Illi <u>l-ewwel u t-tieni aggravju</u> tal-attur appellant jirrigwarda l-htija ghas-separazzjoni personali – in sostanza l-ewwel

[37] Vol.1 – Fol.222
[38] Vol.4 – Fol.1011

aggravju huwa fis-sens li “Mhux veru li z-zwieg tkisser principalment tort tal-appellant, anzi jirrizulta li tkisser unikament tort tal-konvenuta”; filwaqt li fit-tieni aggravju huwa jichad li kien “rghib ma’ martu”. L-appellant isostni li l-ewwel Qorti ma tatx id-debitu piz lis-segwenti fatturi:

[1] Illi l-provi kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti ghall-konkluzjoni bil-maqlub, fis-sens li l-htija primarja tas-separazzjoni kienet il-konvenuta. Jirrileva li l-ewwel Qorti accettat bhala veritier il-fatt li “il-konvenuta sa mill-bidu taz-zwieg baqghet tghix aktar mal-genituri taghha milli f’darha stess.” u “l-attakkament estrem tal-konvenuta mal-genituri taghha kien jippersisti sa mill-bidu taz-zwieg u ma kellu x’jaqsam xejn ma’ xi allegat atteggjament ta’ zewgha.” Jghid li din hi “raguni serja hafna, li tolqot il-qofol tal-istitut matrimonjali, u mhijiex raguni sekondarja.”;

[2] Illi l-appellant jilmenta mill-fatt li l-akkuza guramentata falza tal-konvenuta li zewgha kien hati ta’ adulterju, liema akkurza giet kontraddetta mill-istess konvenuta fix-xhieda taghha, tqies biss mill-ewwel Qorti bhala “dnub venjali” mentri “anke weheda din l-ingurja hija bizzejjed biex taghti lok ghas-separazzjoni; ma hemmx offiza akbar minn dan li parti tista’ taghmel lill-parti l-ohra taz-zwieg.”

[3] Illi, ghalkemm inizjalment l-appellata tat lill-appellant x’jifhem li hi kienet lesta li tibqa’ tghix mieghu l-Amerika, din eventwalment bl-iskuza tal-festi tal-Milied, nizlet Malta bit-tifel u riedet tibqa’ tghix Ghawdex “billi missierha qallha li riedha toqghod Ghawdex!”;

[4] Illi l-appellata ma kienitx turi la affezzjoni u lanqas rispett lejn zewgha l-appellat tant li kienet tghajjru bi kliem ingurjuz, kultant anke fil-prezenza tal-girien; u meta kien jirritorna lura mill-Amerika, kienet turih li ma kellhiex pjacir bih bil-kliem “kemm gejt malajr?”

[5] Illi l-appellant jichad li hu kien joqghod isus wara martu biex jara x’nefqet; anzi, kif mistqarr mill-istess appellata, il-partijiet kellhom kont kurrent kongunt sabiex din tkun tista’ tigbed minnu ghall-bzonnijiet tal-hajja, *multo*

*magis* tenut kont li perijodikament l-appellant kien ikun l-Amerika. Jghid li hu kien jahdem hafna u lill-appellata kien xtralha curkett tad-djamenti meta ghalqet il-hamsin sena. Huwa dejjem ha hsieb martu, u kien anke hallsilha ghall-ispejjez medici anke meta dawn kienu ngenti.
L-appellant jichad li hu kien xhih; u jirreferi ghall-provi, konfermati mill-appellellata, li juru li din kienet b'mod regolari taghmel "xirja normali" minghand il-*grocer*; id-dar kienet mimlija bl-affarijiet u bil-kumditajiet kollha. Isemmi l-kont ta' eluf ta' liri, tad-dentist u li hu hallas ghall-appellata, li hu kien hallas lil martu biex issiefer fuq btala mill-anqas tmien darbiet. Isemmi li hu kien hallas ghall-edukazzjoni tat-tifel, anke meta dan kien l-Universita`, xtralu karrozza u tah somma flus ta' eluf ta' ewro minn wiehed mill-kontijiet bankarji tieghu.

Illi minn naha taghha l-appellata tirribatti bis-segwenti:

[1] li z-zwieg ma kienx felici peress li l-appellant kien "jirrestringi estremament lill-konvenuta appellata f'dak li jirrigwarda l-finanzi, u dan minghajr ebda raguni, u ma kienx la jistma lil martu u wisq anqas japprezza x-xoghol taghha tad-dar u tat-trobbija ta' binhom David";

[2] li l-uniku nuqqas li l-ewwel Qorti sabet fil-konfront tal-appellata kien li din kienet "tghaddi xi hin" ghand il- genituri taghha; u meta dik il-Qorti wiznet il-gravita` tan-nuqqasijiet sabet li dan in-nuqqas kien sekondarju fil-konfront ta' dak tal-appellant.

Fl-istess hin tishaq li hi kienet tmur ghand il-genituri taghha meta l-appellant kien ikun barra mid-dar, jew fuq xoghol, jew addirittura msiefer. Tghid li "ma hemm xejn straordinarju li waqt li zewgha jkun barra mid-dar, il-konvenuta li kienet tqila kienet tghaddi l-hin taghha ghand il-genituri taghha" fejn kienet apprezzata u stmata u fejn eventwalment bdiet issib rifugju meta s-sitwazzjoni matrimonjali bdiet tidditerjora

Mill-bqija, l-appellata "dejjem zammet id-dar nadifa, kienet tkun dejjem id-dar u mhux tiggerra barra, rabbiet lil binhom sewwa u dejjem kienet issajjar u tlesti l-ikla ghal

x’hin jigi d-dar zewgha”. L-appellant stess jikkonferma li martu kienet tiehu hsieb id-dar sew u li kienet issajjar tajjeb u ma kien hemm ebda ilment dwar it-trobbija ta’ binhom; ghalhekk l-appellata kienet konxja tal-obbligi taghha li taghti attenzjoni u mportanza lis-sieheb taghha.

Min-naha tieghu l-appellant “ma kienx jirrispettaha; kien tal-fehema li la hi ma tahdimx u taqla’ l-flus m’ghandhiex dritt ghal opinjoni, ma kienx jafdaha f’dak li jirrigwarda infieq, u dan minghajr raguni; kien jahbi minnha [partikolarment] fejn jidhlu l-aspetti finanzjarji.” Fix-xhieda taghha tghid li l-appellant “dejjem kien minghajr emozzjoni fil-konfront tieghi, la karezzi u wisq anqas sentimenti .. [u li] .. kien indifferenti lejja anke intimament. Illum niddubita jekk qattx kien attrattat lejja.”

[3] Illi l-appellant ma cahadx fix-xhieda tieghu dak li xehedet l-appellata dwar il-komportament rghib tieghu fil-konfront taghha. “Il-karattru avarizjuz tal-attur holoq problemi kbar fil-hajja mizzewwga tal-partijiet ghaliex bl-atteggjament pussessiv tieghu lejn il-gid materjali, l-attur pogga lil martu f’sitwazzjoni fejn aktar u aktar ma ghadda z-zmien aktar kienet illimitata finanzjarjament, u aktar kienet ikkontrollata minnu”. Dan l-atteggjament pussessiv beda mill-bidu nett tal-hajja mizzewwga.

“Il-konvenuta ma kienet fdata f’xejn mill-attur u dan in-nuqqas ta’ fiducja kontinwu u nuqqas ta’ fidi f’martu .. irrendew il-hajja konjugali mpossibbli, u geghlu lill-konvenuta tfittex aktar il-kumpanija tal-genituri taghha minn dik ta’ zewgha. Dan huwa atteggjament li offenda gravament lill-konvenuta u li l-Qorti sabet li jattribbwixxi ghall-maggjoranza tat-tort tat-tifrik taz-zwieg.”

Illi dwar il-kont kongunt li kellhom il-partijiet, l-appellata tissottometti li l-appellant ma kellux ghazla li jaghmel mod iehor, tenut kont tal-fatt li perijodikament huwa kien iqatta’ zmien l-Amerika; izda meta kien jigi lura kien jezigi li martu taghtih rendikont dettaljat tal-infieq kollu li ghamlet minnu. Kien ghalhekk li meta l-appellant kien jirritorna lura mis-safar, hija ma kienitx tilqghu bi kliem sabih “ghax kienet taf li ser jibdew l-investigazzjonijiet”.

[4] Illi dak li l-appellant ghamel ma’ bin il-partijiet huwa rrilevanti, ghal vertenza in dizamina, stante li l-appellata tilmenta mill-komportament tal-appellant fil-konfront taghha, u mhux ta’ binhom.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

In tema legali jigi osservat li, f’materja ta’ separazzjoni huwa pacifikament akkolt fil-gurisprudenza nostrana li l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri u izolati.[39]

Ukoll, f’kuntest ta’ separazzjoni bejn il-partijiet jinsab ritenut li “certi fatti, kliem u mod ta’ azzjoni jew attegjament li jistghu jirrendu l-hajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizji. Certi fatti, kliem modi ta’ atteggjament jaghtu lok ghal mohqrija u sevizzi meta “dawn joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b’mod li jiggeneraw fiha dulur, exacerbazzjoni u aversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom [Vols.XXXI.I.200; XXVI.I.246]”[40]

Inoltre, rigward l-akkuza ta’ adulterju mhux sostnuta b’edba prova gie ritenut li “Issa meta l-konvenut nizel fil-kamp biex jikkuntrasta l-azzjoni ta' martu b'akkuzi konsimili, dawn l-istess akkuzi wehidhom, meta ma jigux provati minnu, jikkostitwixxu ingurja gravi hafna fil-konfront ta' martu[41]; u “hemm imbaghad bhala aggravament ta’ din l-ingurja l-fatt li r-ragel jirrepeti din l-allegazzjoni fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, jew f’nota tal-osservazzjonijiet bhala mezz difensjonali”[42].

Illi fil-meritu din il-Qorti tosserva li z-zewg partijiet ghamlu akkuzi reciproci li whud minnhom gew michuda. L-appellant jichad li hu kien rghib mal-appellata u li kien

[39] Ara bhala ezempju, PA Mary Muscat u Anthony Muscat [ 28.02.2003]
[40] Ara bhala ezempju PA Marthese Vella vs Vincenzo Mifsud [28.02.2003], u PA Mary Muscat vs Anthony Muscat [supra]
[41] PA Sylvana Stringer vs Jeremy Stringer [28.02.03]
[42] AC Carmelo Falzon vs Paolo Falzon [17.01.1059] citata fil-kawza PA Marthese Vella vs Anthony Muscat [supra]

ihalliha fil-bzonn, filwaqt li l-appellata min-naha taghha tichad li mill-bidu taz-zwieg hi kienet tqatta' hafna hin ghand il-genituri taghha b'detriment ghar-relazzjoni matrimonjali. L-appellant isostni li martu kienet indifferenti lejh fir-relazzjonijiet intimi, filwaqt li l-appellata tirribatti u tghid li kien hemm indifferenza da parti ta' zewgha, tant li kienet tiddubita jekk hu qattx kien attrattat lejha.

Illi din il-Qorti hija tal-fehema li l-allegazzjoni tal-appellata li l-appellant kien xhih maghha, ma tirrizultax sodisfacentement provata; fil-fatt jirrizulta li, kif ammettiet l-istess appellata hi kienet tixtri l-ikel regolament u bi kwantita` normali minghand il-grocer, kienu jixtru ikel mill-aqwa; inoltre tghid ukoll li l-appellant ma kienx jiddejjaq jixtri affarijiet ghad-dar; wkoll, il-kont tad-dentist ghas-servizz moghti lill-appellata, idghajjef it-tezi tal-appellata li zewgha kien qammiel fil-bzonnijiet personali taghha. Barra minnhekk il-partijiet kienu jsiefru ta' spiss, u anke l-appellant kien jitla' l-Amerika perijodikament. Il-fatt ukoll li l-appellant hallas ghall-bzonnijiet tat-tifel anke meta dan kien fl-edukazzjoni terzjarja u xtralu karrozza, u pogga flus fuq ismu fil-bank, idghajjef serjament l-allegazzjoni li l-appellant huwa bniedem xhih.

Mill-banda l-ohra, pero` jirrizulta li l-appellant kien dominanti u pussessiv fuq l-appellata fejn jidhol l-infiq ta' flus. Huwa kien jirsisti biex jaqla' l-flus, izda kien irid ikun sodisfatt li martu, li ma tahdimx barra mid-dar, kienet tonfoq il-flus fuq l-affarijiet li ried hu. Dan l-atteggjament kien idejjaq hafna lill-appellata, martu, li allura kienet thoss li zewgha ma kienx jafdaha, b'mod li min-naha taghha, dan l-atteggjament ezercitat fuq bazi abitwali u ripetut kien ta' detriment serju ghall-hajja konjugali u konvivenza ta' bejniethom. Dan il-fattur kompla jaggrava bil-fatt li l-appellant kien jahbi mill-appellata l-introjtu li hu kien jaqla', anke matul iz-zwieg, u dan il-fatt alimenta fl-appellata is-sentiment li zewgha ma kienx jafdaha, u li, kif qalet fix-xhieda taghha, dak li hu tieghu baqa' tieghu anke matul iz-zwieg. Kien dan il-komportament da parti tal-appellant li kien irrenda nsapportabbli ghall-appellata l-hajja konjugali; ghax iz-zwieg hija unjoni diretta lejn il-benessere reciproku, u m'ghandhux ikun hemmx post ghall-

komportament egoist u ta' habi, partikolarment fuq il-finanzi, li huwa aspett vitali fil-hajja matrimonjali. Ghalhekk il-komportament tal-appellant jikkostitwixxi sevizzi fil-konfront ta' martu fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Izda mill-banda l-ohra, anke l-appellata tahti ghat-tkissir ta' dan iz-zwieg, ghax l-attakkament esagerat taghha lejn niesha, u li kien idejjaq lill-appellant li allura kien ihossu maqtugh minn martu, kien ta' detriment serju ghall-hajja mizzewwga tal-partijiet. Jidher li f'xi zmien il-partijiet ftehmu li jergghu jitilghu jghixu l-Amerika bit-tifel, izda wara ftit taz-zmien l-appellata nizlet bit-tifel, u ma rieditx tmur lura. Issa l-Qorti tifhem li l-appellata, li toqghod fl-istess rahal tal-genituri taghha, tmur izzur lill-genituri taghha kwotidjanament, izda fil-kaz in dizamina jidher li l-attakkament tal-appellata mal-genituri taghha kien qawwi tant li l-appellant kien ihossu barrani u li certu decizjonijiet kienu jittiehdu mill-appellata wara li din tkun iddiskutiethom mal-genituri taghha, minflok mieghu bhala zewgha; u l-provi juru li anke hi kienet taghmel affarijiet ad insaputa ta' zewgha, bhal meta bieghet l-appartament taghha tax-Xaghra, fejn kienu joqghodu fl-ewwel snin taz-zwieg, u li gie rrangat matul iz-zwieg,[43] minghajr ma qalet lill-appellant. Dan il-komprtament tal-appellata jikkostitwixxi sevizzi, stante li serva biex holoq fl-appellant dulur u averzjoni fil-konfront ta' martu, u kkontribwixxa serjament sabiex rrenda difficli l-hajja konjugali.

Barra minnhekk il-kliem, fuq riportat, li kienet tghid lill-appellant quddiem it-tifel u anke il-girien, jikkostitwixxu ngurja gravi, kif tikkostitwixxi wkoll ingurja gravi l-akkuza maghmula minnha, fil-kontro-talba, ta' adulterju fil-konfront ta' zewgha, meta hija stess matul il-provi ammettiet li zewgha ma kellux wicc haddiehor.

In fine jigi osservat li, tirrizulta cara u manifesta l-ezistenza ta' inkompatibbilita` ta' karattru bejn iz-zewg partijiet, u li fiz-zwieg kien sors ta' hafna konflitti u mrar bejniethom, li

[43] Vol.1 – Fol.40

eventwalment wassluhom sabiex jikkomportaw ruhhom b'mod abbuziv fil-konfront ta' xulxin.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa parzjalment fondat fis-sens li l-htija ghat-tkissir taz-zwieg tirrisjedi fuq iz-zewg partijiet ugwalment.

<u>It-tielet aggravju</u> – Dan jirrigwarda l-investimenti f'banek l-Amerika, formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti; u huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet komputazzjoni hazina billi "naqset li tapprezza li kien hemm bazikament somma wahda ta' flus li kienet tigi spiss trasferita minn kont ghall-iehor sabiex jigi akkwistat imghax ghola – ezercizju ferm importanti ghall-familja tal-appellant, stante li din ta' spiss ma kellhiex introjtu iehor….il-Qorti naqset li taghraf dan il-fatt u bdiet kultant tghodd ammont f'kont maghluq ma' iehor, minflok tqisu bhala ripetizzajoni tal-ammont fil-kont ta' qablu." Inoltre, "ittrattat parti minn dawn il-flus bhala tal-komunjoni tal-akkwisti mentri kienu parafernali kif ukoll ma naqqsitx flus li gew uzati ghal skopijiet ta' sahha u ghall-hajja ta' kuljum".

F'dan l-aggravju hemm inkluza l-vertenza dwar l-allegazzjoni li certu depoziti li jidhru f'isem l-attur huma fil-fatt ta' Francis Fava hu l-attur, li, skont l-attur, ghal xi zmien kien ghamilha ta' prestanome. Min-naha taghha l-konvenuta tissottometti fir-rigward, li dan il-ftehim, jekk verament kien jezisti, kellu bhala ghan tieghu dak li jinganna lill-Gvern Amerikan; u ghalhekk kien invalidu ghax kellu kawza llecita.

Illi l**<u>-ewwel parti tal-lament</u>** tal-appellant fir-rigward tal-ezercizzju li ghamlet l-ewwel Qorti hu illi l-istess Qorti naqset li tikkunsidra li kien hemm somma wahda ta' flus li bazikament kienet qed ticcaqlaq minn kont ghall-iehor biex tattira imghax oghla.

Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet, individwalment jew konguntivament, kellhom principalment is-segwenti kontijiet:-

1. North Fork Bank – kont numru 6580006903[44]
2. Capital One Bank – kont numru 6581007090[45]
3. Sovereign Bank – kont numru 3583641158[46]
4. Sovereign Bank – kont numru 3573150699[47]
5. Sovereign Bank – kont numru 3583641109[48]
6. Sovereign Bank – kont numru 3583640846[49]
7. Citi Bank – kont numru 57884572[50]
8. Citi Bank – kont numru 57884791[51]
9. Citi Bank – kont numru 9970208890
10. Emigrant Bank – kont numru 38-5018197-9[52]
11. Washington Mutual – kont numru 9215235516[53]
12. Washington Mutual – kont numru 9215235045[54]
13. JP Morgan Chase – dan il-kont jirrizulta biss mill-formoli sottomessi mill-appellant lill-awtoritajiet Amerikani[55]

Illi kif irrilevat l-ewwel Qorti saru diversi movimenti f'dawn il-kontijiet u l-ewwel Qorti ghamlet ezercizzju shih biex issegwi l-istess movimenti u kkonkludiet li l-appellata ghandha tircievi s-somma ta' €166,498.09 ($225,430) bhala sehemha mill-istess investimenti.

Illi din il-Qorti regghet ghamlet ezercizzju metikuluz tal-movimenti fl-istess kontijiet u rrizultalha s-segwenti:-

1. Illi jirrizulta illi fid-29 ta' Marzu 2007 l-ammont originarjament depozitat fin-North Fork Bank (Kont Numru 6580006903) gie migbud u depozitat fil-kont mal-Capital One Bank Numru 6581007090[56]. Dan l-ammont kien ta' $141,773.01. Fuq din it-transazzjoni ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni.

---

[44] Dok AA1 a fol. 939
[45] Dok AA2 a fol. 940-1
[46] Dok AA3 a fol. 942
[47] Dok AA4 a fol. 943
[48] Dok AA8 a fol. 949
[49] Dok AA10 a fol. 955
[50] Dan il-kont jirrizulta minn diversi istatements ta' dan il-kont li huma sparsi f'volum IV
[51] Ibid.
[52] Dok AA6 a fol. 947
[53] Fol.951
[54] Dok AA9 a fol. 953
[55] Fol. 920
[56] Dok AA1 a fol. 940-1

2. Illi minn hawn 'l quddiem jibdew il-problemi. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra taghmel ezercizzju fejn tara x'dahal u x'hareg mill-kontijiet imsemmija iktar 'l fuq biex fl-ahhar tasal ghal ammont li ma regax gie investit f'kontijiet ohra li taghhom ingabet prova. Sabiex ma jigux komplikati l-affarijiet din il-Qorti se tahdem fuq il-valuta Amerikana u eventwalment l-ammont jinqaleb ghall-munita Ewro bir-rata ta' 0.7386 li biha hadmet l-ewwel Qorti.

**A**. Illi l-attur kellu kont mal-Capital One Bank Numru 6581007090. Minn dan il-kont jirrizulta li l-appellant gibed is-segwenti ammonti u cioe`:-

$9000 (09.04.07)
$5000 (23.04.07)
$5000 (07.05.07)
$42,000 (21.05.07)
$5000 (31.05.07)
$75,454.23 (31.05.2007) [57]

Illi l-ammonti zbankati ta' $42,000[58] u $75,454.23[59] jirrizulta li gew depozitati f'kont tas-Citi Bank numru 57884571 (u mhux 57884572 kif qalet l-ewwel Qorti). Dan ihalli zbilanc ta' cirka **$24,000**[60] li l-appellant ma tax kont taghhom ghalkemm jghid li ntuzaw bhala spejjez tal-hajja.

**B**. Illi l-appellant kellu wkoll tlett (3) kontijiet mas-Citi Bank, erba' (4) kontijiet mas-Sovereign Bank u zewg (2) kontijiet mal-Washington Mutual Bank u cioe`:-

Il-kont numru 9970208890 mac-Citi Bank li gie miftuh fl-10 ta' Ottubru 2006 u maghluq fid-9 ta' April 2007 fl-ammont ta' $61,640.09[61]. Illi fix-xhieda tieghu a fol. 936 l-appellant jghid li dan l-ammont ta' $61,640.09, gew depozitati fil-kont numru 57884791 mac-Citi Bank. Imbaghad fir-rikors tal-appell jghid li d-depozitu in kwistjoni jidher f'Dok EE a fol. 991 tal-process minn fejn jirrizulta illi fis-7 ta' April

[57] Dawn l-izbanki lkoll jirrizultaw minn Dok AA2 a fol. 941
[58] Transazzjoni datata 21.05.07 a tergo fol. 992
[59] Transazzjoni datata 06.06.07 a tergo fol. 993
[60] $9000 + $5000 +$5000 + $5000
[61] Dok AA5 a fol. 946

2007 giet depozitata s-somma ta’ $52,640.09. Illi minn ezami li ghamlet din il-Qorti tad-depoziti li saru fil-kont 57884791 fl-istess perjodu huwa veru li jirrizulta depozitu ta’ $52,640.09 pero dan sar fis-7 ta’ April 2007 u kwindi jumejn qabel inghalaq il-kont numru 9970208890. Kwindi ma jistax ikun li l-bilanc li bih inghalaq il-kont 9970208890 gie depozitat fil-kont 57884791. Ghalhekk ma jirrizultax x’sar minnu l-ammont ta’ **$61,640.09.**

Illi l-kont numru 57884791 mas-Citi Bank gie maghluq fid-19 ta’ Settembru 2007 fl-ammont ta’ $57,367.46[62]. Illi huwa verosimili dak li jghid l-appellant illi dan l-ammont ta’ $57,367.46 gie mizjud bi $22,632.54 biex jammonta ghal $80,000 li fl-20 ta’ Settembru 2007 gew investiti fis-Sovereign Bank kont numru 3583691158. Illi pero` qabel inghalaq il-kont numru 57884791 saru diversi transazzjonijiet ta’ certu portata li l-appellant ma tax spjegazzjoni dwar x’ghamel bl-istess flus. Dawn l-izbank kienu s-segwenti:-

20.03.06 - $300[63]
22.03.06 - $500[64]
28.03.06 - $11,790.22[65]
03.04.06 - $300[66]
03.04.06 - $200[67]
03.04.06 - $200[68]
07.10.06 - $6,513.69[69]
01.11.06 - $500[70]
05.03.07 - $60[71]
20.03.07 - $100[72]
29.03.07 - $100[73]
12.04.07 - $500[74]
18.04.07 - $300[75]

---

62 Dok A a fol. 961
63 Dok D a tergo fol. 964
64 Ibid.
65 Ibid.
66 Dok G a fol. 967
67 Ibid.
68 Ibid.
69 Dok S a fol. 979
70 Dok T a tergo fol. 980
71 Dok CC a fol. 989
72 Ibid.
73 Ibid.
74 Dok Ee a fol. 991
75 Ibid.

23.04.07 - $5000[76]
07.05.07 - $5000[77]
24.05.07 - $5000[78]
02.07.07 - $8500[79]
24.07.07 - $25,000[80]
24.07.07 - $6500[81]
25.07.07 - $10,000[82]
15.08.07 - $90,000[83]

Illi l-ammonti z-zghar jidhru fuq l-i*statements* bhala "*cash withdrawal*" u huwa probabbli li ngibdu minn xi ATM filwaqt li l-ammonti l-kbar jidhru bhala "*withdrawal*" u huwa probabbli li gew zbankati direttament mill-Bank in kwisjtoni. Illi a fini ta' komputazzjoni din il-Qorti se tiehu biss l-ammonti sostanzjali li saru fl-2007 peress li l-*withdrawals* l-ohra li saru mill-ATM jidhru ragjonevoli biex l-appellant seta' jsostni lilu nnifsu waqt li kien l-Amerika. Illi ghalhekk l-ammont totali zbankat mill-appellant fis-sena 2007 huwa ta' **$155,000**[84] liema ammont l-appellant ma taghax spjegazzjoni fejn marru ghajr li dawn intefqu ghal spejjez tal-familja.

Illi l-kont numru 3583691158 mas-Sovereign Bank inghalaq fit-28 ta' Dicembru 2007 b'bilanc ta' **$80,308.67**[85]. L-istess ammont gie trasferit fl-istess gurnata f'kont iehor tas-Sovereign Bank numru 3573150699 liema kont gie maghluq fis-6 ta' Mejju 2008[86]. L-Appellant jghid li dan l-ammont mar biex jithallsu spejjez medici tal-familja liema spejjez, kif se jigi rilevat iktar 'l isfel, gew sodisfacentement ipprovati.

L-appellant kellu wkoll kont numru 3583641109 mas-Sovereign Bank miftuh fl-1 ta' Gunju 2007 b'depozitu ta' $100,000 li gie maghluq fil-11 ta' Settembru 2007 b'bilanc

[76] Ibid.
[77] Dok C a fol. 963
[78] Ibid.
[79] Dok CB45 a fol. 1056
[80] Ibid.
[81] Ibid.
[82] Ibid.
[83] Dok CB49 a fol. 1058
[84] $5000 + $5000 + $5000 + $8500 + $25,000 + $6500 + $10,000 + $90,000
[85] A fol. 945 u ara l-ispjegazzjoni li jaghti l-appellant dwar dan il-kont a fol. 936
[86] Dok AA4 a fol. 943

ta' $100,469.61[87]. Fl-istess gurnata u cioe` fil-11 ta' Settembru 2007 l-appellant iddepozita s-somma ta' $100,000 fil-Bank Washington Mutual kont numru 9215235516 liema kont gie maghluq fil-31 ta' Marzu 2008[88]. L-appellant jghid li dan l-ammont ta' $100,000 ghaddih lil huh pero` din il-Qorti kif se titratta iktar 'l isfel issib li din il-verzjoni m'ghandhiex mis-sewwa. Ghalhekk l-ammont li l-appellant gibed u li huwa tal-komunjoni huwa ta' **$100,469.61.**

L-appellant kellu wkoll kont numru 3583640846 mas-Sovereign Bank miftuh fit-30 ta' Marzu 2007 b'somma ta' $99,999 liema kont gie maghluq fil-15 ta' Awissu 2007 b'bilanc ta' $100,861.15[89]. Minn dan l-ammont gie trasferit l-ammont ta' $1994.17c fl-istess gurnata f'kont bankarju tal-Washington Mutual numru 9215235045. Dan il-kont gie maghluq fis-26 ta' Frar 2008[90]. Dan ifisser li l-appellant zbanka is-somma ta' **$100,861.15** mill-kont numru 3583640846 u investa parti zghira minnha fil-kont numru 9215235045 li eventwalment zbankaha wkoll. L-appellant jghid li dawn il-flus kienu ta' huh pero` din il-Qorti, kif qalet fil-paragrafu precedenti, ma ssibx li din il-verzjoni ghandha mis-sewwa u dan ghar-ragunijiet spjegati iktar 'l quddiem.

**C**. Il-kont fil-Bank JP Morgan Chase

Illi dwar il-konsistenza tal-investimenti f'dan il-kont ma gew esebiti l-ebda dokumenti hlief ghall-interessi li rcieva l-appellant fl-ammont ta' **$1723** ghas-sena 2008.

**D**. Illi l-esponent jghid illi fis-sena 2007 huwa ghalaq il-kontijiet bankarji kollha gewwa l-Istati Uniti u ddepozita xi bilanci f'banek lokali, principalment fil-Bank HSBC Bank (Malta) plc. Jirrizulta wkoll illi matul iz-zminijiet l-istess appellant kellu wkoll diversi kontijiet mal-Lombard Bank Malta plc, mal-APS Bank, mal-Bank of Valletta plc. Illi ghalkemm jirrizulta illi mill-kont numru 071-252407-001 mal-HSBC Bank (Malta) plc kien hemm zbanki ta' ammonti sostanzjali fil-forma ta' *cheques*, jidher li dawn

[87] Dok AA6 a fol. 950
[88] Fol. 951-2
[89] Dok AA10 a fol. 956
[90] Dok AA9 a fol. 953-4

ma gewx kontestati mill-appellata. Minn dan l-istess kont jirrizulta wkoll *cheque* li ssarraf fid-19 ta' Jannar 2009 mill-istess appellata li kien ghaddielha l-appellant fl-ammont ta' $16,323 li skont l-istess kien sehemha mill-investimenti li kellhom.

Illi ghalhekk it-total tal-ammonti sostanzjali li gie zbankat f'*withdrawals* diretti mill-appellant huwa ta' **$524,002.52**[91]

Illi **t-tieni parti tal-ilment** tal-appellant fir-rigward tal-mod kif l-ewwel Qorti waslet ghas-somma li ghandha tiehu l-appellata hu illi itrattat parti minn dawn il-flus bhala tal-komunjoni tal-akkwisti mentri kienu parafernali u kif ukoll ma naqqsitx flus li gew uzati ghal skopijiet ta' sahha u ghall-hajja ta' kuljum.

Illi minn qari tas-sentenza tal-ewwel Qorti jirrizulta li fil-fatt l-istess Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ispejjez medici u dan f'paragrafu 4 (IV) tas-sentenza taghha.

Illi fir-rigward ta' spejjez tal-hajja huwa veru li l-ewwel Qorti ma naqqset l-ebda ammont mill-ammonti zbankati u ghalhekk dan il-punt se jigi trattat hawn taht.

Illi mit-total tal-izbanki li saru mill-appellant fl-ammont ta' **$524,002.52** iridu jitnaqqsu certi spejjez li jirrizultaw ippruvati jew li necessarjament saru u cioe`:-

i. Spejjez ta' dentistrija:-

$62,225 ghas-servizzi ta' dentista Amerikana[92]

€3,620.82 ekwivalenti ghal $4,902.27 ghal servizzi ta' dentistrija hawn Malta[93]

€6,064.61 ekwivalenti ghal $8,210.95 spejjez ta' dentistrija ghall-appellata[94].

**Total: $75,338.22**

[91] $24,000 + $61,640.09 + $155,000 + $80,308.67 + $100,469.61 + $100,861.15 + $1723
[92] Fol. 1024
[93] Fol.1011
[94] Dok A a fol 222

ii. Somma ta’ **$2,000** li l-appellant ta lil ibnu u li ma gietx ikkontestata.

iii. L-appellant isostni wkoll illi huwa hareg diversi flejjes ghall-ghixien tal-hajja tal-familja tieghu. Illi l-izbanki principali, apparti l-flejjes li l-appellant jghid li kienu ta’ huh, saru fi spazju ta’ ftit xhur. Illi ghaldaqstant din il-Qorti qeghdha tillikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta’ **$34,000** li tirraprezenta l-ispejjez ghall-ghixien tal-partijiet u binhom minn Jannar 2007 sa Jannar 2009 f’liema xahar l-appellata irceviet is-somma ta’ $16,323 bhala sehemha mill-investimenti.

iv. Illi mill-kont numru 071-252407-001 mal-HSBC Bank (Malta) plc jirrizultaw ukoll certu hlasijiet sostanzjali permezz ta’ cheques li pero` l-appellata ma kkontestatx. Dawn huma s-segwenti:-

a. €9400 (04.01.08)
b. €9850 (04.01.08)
c. €8100 (07.01.08)
d. €5000 (07.01.08)[95]

Fl-4 ta’ Jannar 2008 sar ukoll *cash withdrawal* ta’ €6000.

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti dawn l-ammonti ghandhom ukoll jitnaqqsu stante li l-appellata ma kkontestathomx. Dawn jaghtu total ta’ €44,350 ekwivalenti ghal **$60, 046.03**

Illi ghalhekk it-total tal-ispejjez jammonta ghal **$171,384.25**[96]

v. Illi l-appellant isostni wkoll li ghandhom jitnaqqsu flejjes fl-ammont ta’ $50,000 li huwa rcieva minghand certu Robert Wallace in parti bhala donazzjoni u in parti bhala wirt. Illi ghalkemm minn testment esebiti bhala Dok RW a fol. 884 et seq jirrizulta illi l-appellant gie mholli s-somma ta’ $10,000, ma ngabet l-ebda prova illi fil-fatt

---

[95] Dok FA5 a fol. 466
[96] $75,338.22 + $2000 + $ 34,000 + $60,046.03

dawn il-flus gew ricevuti mill-appellant jew x'ghamel bihom. Fir-rigward tal-$40,000 donazzjoni dawn ukoll ma ngabet l-ebda prova li gew proprju depozitati man-North Fork Bank kif pretiz mill-appellant. Hija stramba kif l-appellant, meta suppost kien konxju ta' dan kollu, ma semma xejn fuq dawn l-ammonti parafernali meta kien qed jixhed fuq il-kont tan-North Fork Bank numru 6580006903 a fol. 935 tal-process. Lanqas ma jsemmi xejn fir-rigward fin-nota guramentata tieghu meta kien qed jitratta l-beni parafernali tieghu.[97] Illi ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti sejra tinjora tali pretensjoni.

Illi jekk wiehed inaqqas l-ispejjez ammontati ghal $171,384.25 mit-total tal-izbanki li saru fl-ammont ta' $524,002.52 jibqa' bilanc li l-appellant ma tax kont tieghu fl-ammont ta **$352,618.27**.

Minn dan l-ammont irid jitnaqqas l-ammont li l-appellata irceviet bhala sehemha mill-investimenti lokali fl-ammont ta' €16,323 ekwivalenti ghal $22,099.92. Ghalhekk il-bilanc totali favur il-komunjoni tal-akkwisti hu ta' **$330,518.35** b'sehem l-appellata jkun ta' **$165,259.17** ekwivalenti ghal **€122,060.42**.

Illi ghalhekk dan l-aggravju tal-appellant huwa fondat limitatament ghas-somma ta' **€44,437.67**.

Ghaldaqstant din il-parti tal-aggravju tirrizulta fondata limitatament ghall-imsemmi ammont ta' €44,437.67.
*Prestanome*

Illi rigward d-depoziti, indikati fis-sentenza, u li kienu fuq isem l-attur sakemm eventwalment gew trasferiti minnu fuq isem huh Francis Fava, din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti. L-attur jghid li fiz-zmien meta hu kien ghadu guvni huwa kien joqghod ma' huh, u dawn kienu jpoggu l-qligh taghhom go kont wiehed. Meta l-attur kien wasal biex jizzewweg huwa gibed parti kbira minn sehemu f'dawn il-flus biex jibni d-dar, u eventwalment

[97] Fol. 44-5

gibed is-sehem tieghu kollu, b'mod li allura, skont l-attur il-flus li kien baqa' kienu kollha ta' huh Francis.

L-attur jghid li "Kien fis-sena 2006 li jiena kont ftehemt ma' hija li l-flus tieghu ninvestihom kollha f'ismi biex jien inkun qed nidher mal-awtoritatajiet Amerikani li ghandi certi ammont ta' dhul minn dawn l-imghaxijiet, u b'hekk il-pozizzjoni tieghi vis-à-vis il-pensjoni tigi ameljorata….. Nikkonferma li jiena kelli ftehim bil-miktub ma' hija"[98].

Eventwalment meta huh sar jaf li kien hemm l-inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet, dan talab lill-attur sabiex jghaddilu l-flus kollha, circa $200,000, u jerga' jaghmilhom fuq ismu. L-attur jispjega li fis-sena 2007 huwa ghalaq dan il-kont, u trasferixxa dawn il-flus, fuq huh peress li l-flus kienu ta' dan. Hu l-attur, Francis Fava, ikkonferma din it-tezi.

Min-naha taghha l-konvenuta tghid li din kienet l-ewwel darba li kienet semghet li l-attur kellu flus fuq ismu li kienu ta' huh.

L-ewwel Qorti, osservat li "Issemma ftehim bil-miktub mill-attur u huh izda hadd minnhom ma kien kapaci jipproducih. Il-Qorti tistaqsi wkoll: possibbli ghaddew somom ta' flus konsiderevoli bejn l-ahwa, u lanqas ricevuta li huh irceva l-flus ma saret?"

Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-attur jghid li kien sar ftehim bil-miktub bejniethom, dan il-ftehim ma giex prodott, ghax skont l-attur ma nstabx, izda gie prodott dokument FF1[99] li ma jipprova xejn ghajr biss li fil-21 ta' Novembru 1984 l-attur kellu depozitu bankarju, fuq ismu, mal-Lombard North Central PLC. L-ewwel Qorti kellha raguni tippretendi li trasferimenti ta' somma sostanzjali ta' flus bi prestanome tigi akkompanjata bi ftehim bil-miktub bejn l-attur u huh; u ghalhekk, in mankanza ta' din il-prova dokumentali, jew provi ohra dokumentali li wasslu ghal tali prova, it-tezi tal-attur ma tistax titqies bhala sorretta sodisfacentement minn provi.

[98] Vol.3 – Fol.610
[99] Vol.4 – Fol.834

Ghaldaqstant din l-parti tal-aggravju qed tgi kkonsidrata bhala nfondata.

Illi f'dan l-aggravju ssemmiet ukoll proprjeta` li, skont l-appellant kienet parafernali tal-appellata qabel ma din iddisponiet minnha. Isemmi r-raba Ta' Marzina, l-appartament fix-Xlendi u l-appartament fix-Xaghra. Mill-provi jiirzulta li dan l-ahhar fond biss kien proprjeta` tal-appellata, filwaqt li dwar ir-raba Ta' Marzina jidher li saret xi transazzjoni nformali bejn l-ahwa, inkluza l-appellata; u dwar il-fond tax-Xlendi, ghalkemm tiehu hsiebu l-appellata, dan jappartjeni lil missierha.

Fir-rigward ta' din il-proprjeta`, pero` ma saret ebda talba mill-appellant, u jidher car li din issemmiet biex isostni allegazzjoni tieghu li anke l-konvenuta kienet tahbi minn zewgha dwar il-proprjeta` taghha.

<u>Ir-raba' aggravju</u> – Dan jirrigwarda l-manteniment li l-ewwel Qorti akkordat lill-appellata, u huwa fis-sens li "l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex takkorda l-manteniment lill-konvenuta, kemm minhabba d-dekadenza, kif ukoll minhabba li, min-naha wahda il-konvenuta kapaci tmantni lilha nnifisha, filwaqt li l-appellant m'ghadux kapaci jaghmel dan."

L-appellant isostni li l-appellata tilfet id-dritt taghha li titlob manteniment *ex lege* meta "sentejn qabel il-kawza abbanduna lill-attur billi, ghalkemm baqghet torqod taht l-istess saqaf, kienet qeghdha tghix hajja awtonoma u kompletament separata minnu."

Inoltre, l-appellata tircievi ammonti adegwati ta' assistenza socjali u zewg bonuses fis-sena, €5,347 u €270 rispettivament. Barra minnhekk l-appellata ghandha ntrojtu mill-appartament tax-Xlendi; kapaci tahdem u ghandha hiliet li jaghmluha tajba ghax-xoghol.

Min-naha tieghu l-appellant m'ghandux impieg u lanqas jiehu beneficji socjali, ma jistax jahdem u huwa marid; u ghalhekk skont il-ligi "hija l-konvenuta li messha taghti l-

manteniment lil zewgha … [ghalkemm l-attur m'ghamel ebda talba ghall-manteniment.]"

L-appellata tirribatti billi, fl-ewwel lok tirrileva li l-abbandun ma kienx wiehed mill-kawzali quddiem l-ewwel Qorti, u li ghalhekk f'dan l-istadju ma jistax jitqajjem aggravju fuq l-abbandun li, skont l-istess appellant, kien gia` jezisti qabel ma nbdiet il-kawza; fit-tieni lok l-introjtu attwali tal-appellata jikkonsisti biss f'assistenza socjali, u, tenut kont tal-eta` taghha [Id 2353G] u li m'ghandhiex esperjenza ta' xoghol barra mid-dar, u lanqas kwalifiki necessarji, mhux facli ghaliha li ssib xoghol.

Inoltre, ghalkemm l-attur jghid li m'ghandux introjtu "ta' min wiehed jikkonsidra l-fatt li sal-gurnata tallum il-flus kollha tal-komunjoni tal-akkwisti, inkluzi l-interessi kollha li jipproducu ghadhom f'idejn l-attur". Ukoll, bhala cittadin Amerikan li kien ghamel zmien jahdem l-Amerika [u anke kien jipprezenta l-formoli tat-taxxi biex jindika qligh] huwa eventwalment jkun eligibbli ghal pensjoni mill-Amerika; u jekk verament illum mhux kapaci jahdem, tenut kont li hu hadem l-Amerika huwa ntitolat ghad-*disability benefits*.

Illi fir-rigward l-ewwel Qorti qalet hekk: "L-attur isostni li huwa m'ghandux impieg, u li ma ngabitx prova li qieghed jircevi xi beneficji socjali, ghalkemm jidher li f'xi zmien kien qieghed jipprecepixxi xi beneficji socjali." u kkonkludiet li "fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax tikkwantifika xi ammont ghal manteniment. Biss l-attur qabad u ghadda cekk ta' €16,323, li skont huwa kien jirrapprezenta sehem il-konvenuta mill-komunjoni tal-akkwisti. Peress li rrizulta mill-provi li l-konvenuta kienet intitolata ghal ferm aktar minn dan l-ammont, fic-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti hija tal-fehema li dan l-ammont ta' €16,323 ghandu jibqa' f'idejn il-konvenuta bhala ammont a saldu tal-manteniment taghha."

Illi din il-Qorti fl-ewwel lok tosserva li, gialadarba ma jirrizultax li l-appellant qed jircievi xi beneficji socjali, allura l-prezunzjoni ghandha tkun li hu qed jippercepixxi ntrojtu minn x'imkien u li l-ammont inzamm mistur kemm minn martu kif ukoll mill-Qorti.

Inoltre, ic-certifikat mediku datat 14 Jannar 2009 li hu rrefera ghalih fir-rikors tal-appell, u li jinsab esebit fil-process[100] u li hu ressaq bhala prova li “[hu] ghadu jbati minn problemi ta’ sahha u ghadu bi trattamenti medici b’mod li m’huwiex f’pozizzjoni li jmantni lil martu, ma jipprova xejn ghajr dak li jghid, u cioe` li *“This is to confirm taht Mr. Fava has been seen in the above office on January 12 2009 and January 14 2009 for consultation and treatment.”* Imkien ma hemm li l-appellant ma jistax jahdem, ghalkemm il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li llum-il gurnata l-appellant qed joqrob is-sittin sena.

Illi fic-cirkostanzi, tenut kont tal-fatt li l-appellata, li qed toqrob is-sittin sena u qatt ma hadmet barra mid-dar, hlief ghal xi xoghol volontarju fil-parrocca u fil-kunsill lokali; tenut kont tal-fatt li ma giex sodisfacentment provat li hi ghandha xi ntrojtu iehor barra l-assistenza socjali, u tenut kont tal-fatt li l-appellant ghandu introjtu li baqa’ mistur; izda min-naha l-ohra tenut kont tal-fatt li anke hi hija hatja ghas-separazzjoni personali, u wkoll li mal-assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni hija ser tippercepixxi somma sostanzjali ta’ flus fl-ammont ta’ €137,060.42[101], din il-Qorti hi tal-fehema li takkorda manteniment lill-appellata *arbitrio boni viri* fl-ammont ta’ €7,200 rapprezentanti retta alimentarja mensili ta’ €120 ghal perjodu ta’ hames snin.

Illi in kwantu ghal dik il-parti tal-aggravju bazat fuq it-tezi tal-abbandun tal-appellata, proposta f’dan l-istadju mill-appellant, il-Qorti tosserva li dan l-ilment huwa legalment insostenibbli, stante li ma kienx parti mill-kawzali li fuqhom l-appellant ippropona l-kawza odjerna. Inoltre, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li f’dan il-kaz m’ghandhiex tapplika s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap.16 tenut kont tal-fatt li l-inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet isib l-origini tieghu fl-inkompatibbilita` fil-karattru taghhom.

[100] Vol.1 – Fol.124
[101] €122,060.42 + €15,000

Ghaldaqstant ir-raba' l-aggravju huwa fondat limitatament kif fuq indikat, u allura l-ammont dovut mill-appellant lill-appellata bhala manteniment huwa ta' €7,200[102].

<u>Il-hames aggravju</u> – Dan jirrigwarda l-kap tal-ispejjez. L-ewwel Qorti allokat l-ispejjez bejn il-partijiet in kwantu ghal zewg terzi kontra l-attur u terz kontra l-konvenuta. L-appellant isostni li "billi t-tort huwa unikament tal-konvenuta, l-ispejjez kellhom ikunu a kariku tal-istess konvenuta".

Fir-rigward din il-Qorti tikkunsidra dan l-aggravju gustifikat limitatament ghal nofs l-ispejjez, tenut kont li din il-Qorti sabet li z-zewg partijiet jahtu ugwalment ghas-separazzjoni personali.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat limitatament u fis-sens li l-konvenuta ghandha thallas nofs l-ispejjez tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tilqa' t-talbiet tal-appellant limitatament kif ser jinghad: [1] tiddikjara li l-htija ghat-tkisser taz-zwieg u ghas-separazzjoni tirrisjedi fuq iz-zewg partijiet ugwalment; [2] tiddikjara li s-sehem tal-appellata mill-komunjoni tal-akkwisti huwa fl-ammont ta' <u>**€122,060.42**</u>, u mhux kif indikat mill-ewwel Qorti, u ghalhekk tordna li l-appellanti jhallas lill-appellata dan l-ammont flimkien mas-somma ta' <u>**€15,000**</u> [benefikati]; [3] tordna li l-appellant ihallas lill-appellata bhala manteniment, ghal darba wahda biss, is-somma ta' <u>**€7,200**</u>**;** [4] li l-appellata ghandha thallas nofs l-ispejjez kemm tal-Prim Istanza u ta' dan l-Appell. [5] tikkonferma l-kumplament tas-sentenza.

L-ispejjez kemm tal-Prim Istanza, kif ukoll ta' dan l-Appell ghandu jigi sapportat mill-partijiet fi kwoti ugwali.

---

[102] Is-somma ta' €16,323 li l-appellant ghadda lill-appellata permezz ta' cheque, diga gie mnaqqas minn sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti [supra]. Ghalhekk issa huwa l-appellant li ghandu jghaddi l-imsemmija somma bhala manteniment.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------